**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Keith Grima

vs

CME Finishes Co. Ltd

CCT 116/23/MS

31 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba tar-rikorrent prezentat fis-26 ta Gunju 2023 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' sitt mija u tmienja u sebghin euro u hamsin centezmu (€678.50), depozitu imhallas minnu wara li ordna *skylight* minghand is-socjeta' intimata li kienet tinkludi kemm il-frame tal-hadid kif ukoll il-hgiega, liema konsenja wasslet hazina u ma kenitx tal-kwalita' pattwita.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata li rrefera ghat-termini u kundizzjonijiet tal-istess bejgh, senjatament klawzola 9 u 10.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fid-9 ta' Frar 2023 ir-rikorrent ordna *skylight* minghand is-socjeta' intimata li giet tiswa €1,357.00 (Vat inc) u kienet tinkludi kemm il-frame tal-hadid kif ukoll hgiega (opaque). Fl-istess data r-rikorrent hallas depozitu ta' €678.00 u ftehmu li l-prodott kellu jigi installat sa hames gimghat wara. Fil-fatt il-prodott wasal u gie installat tlett xhur wara u sakemm l-installer installa l-frame tal-hadid, ir-rikorrent ma setax jinduna li l-hgiega ma kenitx opaque, ghaliex din thalliet fil-vann. Malli l-installer kien ser iwahhala, ir-rikorrent induna li l-hgiega kienet clear u ma kenitx dak li ordna hu. Ghalhekk l-installer ghabba kollox fil-vann u telaq. Ir-rikorrent minnufih ghamel kuntatt mas-socjeta' intimat biex javzahom u qalulu li kellu jistenna mill-inqas tlett gimghat u nofs sakemm tasal il-

hgiega. Ir-rikorrent talab li sakemm jasal it-tajjeb, jitwahhal il-hgiega l-hazina izda s-socjeta' intimata ma accettatx u offriet biss li jaghlaq jew bil-plastik jew bl-injama, li ma kienx accettabbli ghar-rikorrent. Ir-rikorrent kien dispost ukoll li jitwahhal perspex izda hawn ukoll s-socjeta' intimata ma accettatx. Ghalhekk ir-rikorrent hass li ma riedx ikompli bl-ordni mas-socjeta' intimata u rrikorra ghal-MCCAA biex jara x'inhuma d-drittijiet tieghu. Ir-rikorrenti talab l-isocjeta' intimata biex tirrifondilu parti mid-depozitu lura, u jzomm biss tal-frame tal-hadid, ghaliex ma riedux jigu jaqilghuh, pero' l-isocjeta' intimata ma reditx la taqla' l-frame u wisq anqas taghtih lura parti mid-depozitu. Hawnhekk ir-rikorrent talab kwotazzjonijiet ghall-prezz tal-frame tal-hadid u gab diversi, bl-oghla kwotazzjoni tilhaq l-ammont ta' €250.00.

Illi min-naha l-ohra, is-socjeta' intimata qieghda tibbaza l-argument taghha fuq il-fatt illi skond it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt, *'no order shall be subject to cancellation either in whole or in part, without the Seller's prior written consent. If Buyer desires to cancel an order and the seller gives his consent as aforesaid, any deposits paid on signing of the contract of sale shall be forfeited in favour of the seller, and the Buyer shall also lose all rights to the good ordered. Preliminary deposits paid will be refunded only as a credit note to be used with a period of nine months.'*

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob li jinghata lura d-depozitu minnu inhallas (jew almenu -nofs), wara li hu kien kostrett li jikancella ordni u dan wara sar zball fl-ordni tieghu, li kienet unikament responsabbli ghalih is-socjeta' intimata. Min-naha taghha, is-socjeta' intimata qed tistrieh fuq it-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt, fejn hemm indikat li ordnijiet jistghu BISS jigu kancellati bil-kunsens bil-miktub tas-socjeta' intimata u li d-depoziti mhumiex rifondabbli u jinghataw lura biss forma ta' *credit note.*

Ikkunsidra

Illi apparti l-fatt illi t-termini u l-kundizjonijiet ikkwotati mis-socjeta' intimata jikkawżaw zbilanċ għad-detriment tal-konsumatur u jivvjolaw id-dettami tal-artikoli 44 et seq tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kaz odjern, jidher car illi r-rikorrent ma kancellax l-ordni kapriccosament izda minhabba zball min-naha tas-socjeta' intimata, liema zball giet anke accettata minn Melanie Carabott, li xehdet quddiem it-Tribunal. Illi nonostante li dan kien zball taghhom, ir-rikorrent xorta wahda pprova jilhaq kompromess u tahom diversi 'options' u ghazliet, li kollha gew rifjutati mis-socjeta' intimata. It-Tribunal isibha difficili hafna biex jemmen illi l-hgiega cara ntremiet u ihoss illi l-versjoni ta' Melanie Carabott ma kenitx wahda affidabbli. Fil-fatt, l-installazjoni sehhet fit-8 ta' Mejju 2023 u fid-9 ta' Mejju ir-rikorrent kien diga beda jigbhat jikkomunika permezz tal-email. Terga' u tghid fil-10 ta'

Mejju (gurnata u nofs wara l-installazjoni, u mhux gimgha kif qalet Carabott), intbaghtet email minn Rebecca Cachia fejn qalet illi hi u r-rikorrent kienu lesti li jaccettaw li tigi installata l-hgiega 'clear' temporanjament.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ihoss illi r-rikorrent ghandu ragun u t-talba tieghu tisthoqq li tigi akkolta. Illi in vista tal-fatt illi s-socjeta' intimata irrifjutat illi tnehhi l-hadid, it-Tribunal huwa propens illi jirrifondi lir-rikorrent id-depozitu kollu, izda, tajjeb jew hazin, ir-rikorrent qed juza il-frame tal-hadid, u ghalhekk, ghandu jkun hemm riduzioni zghira fl-ammont mitlub.
It-Tribunal ma jistax ma jiccensurax l-attegjament u l-attitudini xejn professionali tas-socjeta' intimata, li setghu evitaw kollox li kienu imxew b'mod iktar professjonali u ragonevoli.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna l-isocjeta' intimata thallsu s-somma ta' erba mija u hamsin euro (€450.00).

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

**Dr Michela Spiteri LL.D.**

**Arbitru**